

32004D0675

L 309/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.10.2004

ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-29 ta' Settembru 2004****li jwaqqaf bażi loġistika għas-sistema Tračes**

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 3584)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/675/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1990, relatata ma' bosta spejjeż fil-qasam veterinarju (⁽¹⁾) u l-aktar fl-Artikolu 37 u l-Artikolu 37 bis, tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 90/425/KEE tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 1990, relatata mal-kontrolli veterinarji u dawk tekniċi mħaddma fiziż-żoos u applikabbi fl-iskambji intrakommunitarji ta' bosta animali ħajjin u li nkitbu bil-ħsieb li jitwettaq is-suq intern (⁽²⁾), u l-aktar l-Artikolu 20 paragrafu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE, tat-13 ta' Lulju 1992, relatata mat-tagħrif ta' l-informatika fil-proċeduri veterinarji ta' importazzjoni (proġett Shift), li tbiddel id-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE u 91/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE u li tannulla d-Deċiżjoni 88/192/KEE (⁽³⁾), u l-aktar l-Artikolu 12 li hemm fiha,

- (1) Ir-Riżoluzzjoni A5-0396/2000 tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport speċjali Nru 1/2000 (⁽⁴⁾) tal-Qorti Kummerċjali relatata mas-solitu mard tal-majjali, titlob fil-punt 23 li "is-sistema ta' l-immaniġġjar tal-moviment tal-bhejjem (ANIMO) tkun immexxija u ffurmata komplettament mill-kontroll tal-Kummissjoni".
- (2) Id-Deċiżjoni 2004/292/KEE tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2004 relatata mat-tpoġġija fil-prattika tas-sistema TRAČES u li tbiddel id-Deċiżjoni 92/486/KEE (⁽⁵⁾) li timponi fuq l-Istati Membri kollha li jieħdu sehem f'din is-sistema qabel il-31 ta' Diċembru 2004.
- (3) Ħdax-il Stat Membru ilhom jieħdu sehem bis-sħiħ fis-sistema TRAČES sa mill-1 ta' April 2004 jew mill-1 ta' Mejju 2004 u bażi loġistika hi indispensabbi għal din l-aktivitā. Il-ħtieġa ta' din il-bażi teknika ser tikber aktar bis-sehem ta' l-Istati Membri kollha kif ukoll ta' dawk il-gruppi mhux istituzzjonalizzati li jagħmlu użu minnu.
- (4) It-tqegħid ta' dan il-bażi għandu mnejn jiġi esperimentat fil-bidu għal perjodu ta' 15-il xahar wara liema żmien għandu x'aktarx jiġi evalwat u adattat bħala htiegħa.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-Avviż tal-Kunitat Permanenti tal-Katina Alimentari u tas-Saħħha ta' l-Annimali.

(¹) ĠU L 224 tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 325 tat-12.12.2003, p. 31).

(²) ĠU L 224 tat-18.8.1990, p. 29. Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315 tad-19.11.2002, p. 14).

(³) ĠU L 243 tal-25.8.1992, p. 27. Deċiżjoni emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 tal-Kunsill (ĠU L 122 tas-16.5.2003, p. 1).

(⁴) ĠU Ċ 85, tat-23.3.2000, p. 1.

(⁵) ĠU L 94 tal-31/3/2004, p. 63.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIJONI:

L-ewwel Artikolu

Fil-qafas tas-sistema ta' l-informatika veterinarja integrat bħala "TRAÇES" hekk kif previst bid-Deċiżjoni 2003/24/KE, il-Kummissjoni tpoġġi bażi loġistika li għandha l-għan li tgħin lil dawk li jagħmlu użu minn din is-sistema għal perjodu inizjali ta' 15-il xahar.

Artikolu 2

Għat-tqegħid tal-bażi loġistika kif imsemmi fl-ewwel Artikolu, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha 300 000 Euro.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-29 ta' Settembru 2004.

Mill-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni